**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta’ nhar is-Sibt 29 ta’ Gunju 2024**

**Ir-Repubblika ta’ Malta**

**vs**

**Mohamed M. Mahdi Mahdi**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Mohamed M. Mahdi Mahdi ta’ wieħed u erbgħin (41) sena, ta’ Nazzjonalità Libjana, iben Mustafa u Fatima, imwieled ġewwa l-Libja fit-tmintax (18) ta’ Frar tas-sena elf disa’ mija tlieta u tmenin (1983), mingħajr residenza fissa u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 137203A;

Akkuzat talli b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda, b’dana li fl-erbgħa u għoxrin (24) ta’ Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta’ bejn is-sitta u nofs ta’ wara nofsinhar (18:30hrs) u l-ħdax u nofs ta’ filgħaxija (23:30hrs) ġewwa l-ajruport Internazzjonali ta’ Malta, Triq Bir Miftuh, Gudja u/jew fi bnadi oħra f’dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta' mobile phone u/jew diversi oġġetti oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-ħin, u bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema serq sar għad-detriment ta' Brenda Zammit u/jew Agenda Departures u/jew EPIC Communications u/jew MIA Pharmacy u/jew Costa Coffee u/jew persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra;

Akkuzat ukoll talli fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn l-għaxra u nofs ta' filgħodu (10:30hrs) u l-erbgħa ta' wara nofs in-nhar (16:00hrs) ġewwa Reno's Foodstore, Triq Ġulju, San Pawl il-Baħar u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

2. Ikkommetta serq ta' mobile phone u/jew diversi oġġetti oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema serq sar għad-detriment ta' Stefania Debono u/jew Reno sive Nazzareno Debono u/jew persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra;

3. Irrifjuta li jagħti, jew ta falz, lil uffiċjal pubbliku jew lil wieħed ieħor li kien inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kien qiegħed jagħmel id-dmirijiet tiegħu, ismu, kunjomu, fejn joqgħod u partikularitajiet oħra;

4. Għex ħajja ta' għażż u ta' vagabundaġġ

5. U aktar talli irrenda ruħu reċediv ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenza/i mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

F'każ ta' ħtija għar-reati hawn fuq imsemmija, il-Qorti giet mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u/jew 28H kemm-il darba jingħata

sentenza sospiża, tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

Il- Qorti giet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ttrattat bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

3. Senghet ix-xhieda, u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Rat li fis-seduta tal-lum stess l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

5. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta' sitt (6) snin prigunerija u issospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

6. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u hu wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

7. Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu.

9. Fl-ikkalibrar tal-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat irregistra ammissjoni fl-iktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u ghalhekk ma heliex ir-rizorsi tal-forzi tal-ordni u ta' din il-Qorti.

10. Huwa ikkollabora wkoll mal-Pulizija waqt l-investigazzjoni, u fil-fatt, il-mobile tal-valur ta' seba' mitt Euro, li jifforma l-mertu ta' dawn il-proceduri, gie ritornat lis-sidien tieghu qabel gew intavolati dawn il-proceduri.

11. Fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, fit-trattazzjoni orali il-Prosekuzzjoni iddikjarat il-valur totali tal-oggetti misruqa jammonta ghal tlett mija u hamsin Euro u sbatax-il centezmu (€350.17).

12. Pero l-imputat ghandu problema akuta ta' abbuz ta' droga, tant li lanqas ghandu indirizz fiss. Kif wiehed jistenna f'kaz hekk, il-fedina penali tieghu mhix wahda felici, b'numru konsiderevoli ta' kundanni minn dawn il-Qorti ghal diversi reati. Huwa inghata wkoll diversi pieni ta' prigunerija effettiva, izda l-imputat jidher li ma tghallem xejn.

13. Pero id-difiza issottomettiet li l-imputat din id-darba jixtieq verament ibiddel hajtu u jaghmel programm ta' ri-abilitazzjoni. Tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti hija tal-opinjoni li tali programm jista' jkun ta' success biss, jekk l-imputat jaghmel dan il-programm waqt li hu jkun konfinat il-habs.

**Konkluzjoni**

14. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

(1) Wara li rat l-Artikoli 261(c) u (f), 267, 270, 279(a), 280(1), 18, 337(2)(b)(i), 338(g), 338(w), 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghal piena ta' sentejn prigunerija.

(2) Ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Trattament, liema ordni qieghda issir ghall-perjodu ta' sentejn (2) sabiex jindirizza l-problema tieghu tal-abbuz tad-droga. Din l-Ordni qed tigi annessa ma' din is-sentenza u ghandha tifforma parti integrali taghha.

15. Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza u tal-Ordni tat-Trattament lid-Direttur tal-Probation u Parole sabiex jahtar ufficjal tal-Probation sabiex isegwi lill-imputat matul din l-Ordni ta' Trattament.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**